

Brussell, 27 ta' Frar 2026
(OR. en)

6851/26

RECH 86
RELEX 296

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	27 ta' Frar 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 96 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW It-tieni rapport biennali dwar l-implimentazzjoni tal- Approċċ Globali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni 2023–2025

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 96 final.

Mehmuż: COM(2026) 96 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.2.2026
COM(2026) 96 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT
EWROPEW**

**It-tieni rapport biennali dwar l-implimentazzjoni tal-
Approċċ Globali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni 2023–2025**

1. INTRODUZZJONI

Il-Komunikazzjoni dwar l-Approċċ Globali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (R&I)¹ ġiet adottata f'Mejju 2021, fi żmien meta d-dinja kienet konsiderevolment differenti minn dak li hija illum. Madankollu, l-objettivi u l-prinċipji wesgħin tagħha jibqgħu validi, bħad-difiża u l-promozzjoni tal-valuri fundamentali tar-R&I, il-ħidma lejn kundizzjonijiet ekwi u r-reċiproċità fil-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni, l-indirizzar flimkien ta' sfidi globali bħalma huma t-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità u l-kriżijiet tas-saħħa globali u l-adozzjoni ta' approċċ sfumati u modulati għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi u reġjuni mhux tal-UE.

Il-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni żżid l-eċċellenza u l-kompetittività, tipprovdi aċċess għall-għarfien espert internazzjonali permezz tal-mobilità u l-kooperazzjoni, tiżviluppa soluzzjonijiet għall-isfidi globali u tippromwovi standards xjentifiċi u tekniċi kondiviżi, u b'hekk tnaqqas l-ostakli għall-kummerċ u żżid l-aċċess għal swieq potenzjali. Tibni wkoll kapital politiku u diplomatiku, u tikkontribwixxi għall-objettivi ġeopolitiċi tal-UE. Il-promozzjoni tagħha hi mnaqqxa fl-Artikolu 180(b) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

L-UE jeħtieġ li tkun aktar assertiva fil-kisba tal-interessi strateġiċi tagħha fi żmien ta' rivalitajiet ġeostrateġiċi, filwaqt li ssaħħa il-kooperazzjoni tagħha ma' sħab tal-istess fehma². Għalhekk, l-implimentazzjoni tal-Approċċ Globali jeħtieġ li tqis kemm ir-realtajiet ġeopolitiċi l-ġodda kif ukoll l-iżviluppi innovattivi fix-xjenza u t-teknoloġija. L-ewwel rapport ta' implimentazzjoni biennali, adottat fl-2023, wieġeb għal dawn ir-realtajiet, pereżempju billi enfażizza l-appoġġ tal-UE lill-Ukrajna wara t-tnedija tal-invażjoni illegali fuq skala kbira mir-Russja.

Matul dawn l-aħħar sentejn, l-UE ħadet passi sodi biex twieġeb għal dawn l-isfidi billi adottat inizjattivi ewlenin li għandhom l-għan li jiżguraw li l-UE tibqa' fuq quddiem nett tal-innovazzjoni u li s-sistema tagħha tar-riċerka u l-innovazzjoni tibqa' kemm miftuħa kif ukoll sigura³. L-UE hija u se tkompli tkun il-gwardjan tal-multilateraliżmu, ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli u tfassil ta' politika mnebbħa mill-evidenza – li hija kruċjali fid-dinja tal-lum biex tiddefendi l-prinċipji ewlenin tad-demokrazija, inklużi soċjetajiet demokratiċi aktar reżiljenti u b'saħħithom. Peress li l-prinċipji u l-valuri li għandha l-UE qed jiġu mhedda dejjem aktar madwar id-dinja, illum aktar minn qatt qabel l-UE trid tiddefendi l-libertà akkademika u l-libertà tar-riċerka xjentifika kif ukoll id-diversità, l-ekwità u l-inklużjoni. Dan jinkludi l-promozzjoni tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni għan-nisa kif ukoll għal

¹ COM (2021) 252 final.

² https://commission.europa.eu/document/download/833e082a-0c39-4bc6-a119-e0760ebc7360_mt?filename=mission-letter-zaharieva.pdf

³ Eżempji jinkludu l-Istrateġija ta' Sigurtà Ekonomika (JOIN(2023) 20 final), ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tas-Sigurtà tar-Riċerka (C/2024/3510), il-Komunikazzjoni Konġunta "Insaħħu s-Sigurtà Ekonomika tal-UE" (JOIN(2025) 977 final), il-Boxxla għall-Kompetittività (COM(2025) 30 final), l-Istrateġija għall-kumpaniji Startup u Scaleup (SWD(2025) 138 final), L-Istrateġija Ewropea Għall-Infrastrutturi Tar-Riċerka u Tat-Teknoloġija, (COM(2025) 497 final/2), l-Istrateġija Ewropea għall-Intelliġenza Artifiċjali fix-Xjenza (COM(2025) 724 final), il-Patt għal Industrija Nadifa, (COM(2025) 85 final) u l-Inizjattiva Agħżel l-Ewropa (https://commission.europa.eu/topics/research-and-innovation/choose-europe_mt).

gruppi oħra f'riskju akbar ta' diskriminazzjoni, u l-iżgurar tal-parteciġazzjoni sħiħa u effettiva tagħhom fis-sistemi tar-riċerka u l-innovazzjoni. Dawn il-valuri ma humiex biss imperattiv morali, iżda huma fost l-aktar assi b'saħħithom li għandha l-UE fil-kompetizzjoni globali għat-talent.

Dan ir-rapport joffri ħarsa ġenerali lejn il-ħidma tal-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-Approċċ Globali għar-R&I, u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill relatati⁴ mill-pubblikazzjoni tal-ewwel rapport ta' implimentazzjoni biennali fl-2023⁵. Għandu l-għan li jipprovdi stampa ġenerali ta' kif l-UE qed twieġeb għal sfidi u talbiet ġodda fir-riċerka u l-innovazzjoni f'xenarju internazzjonali dejjem aktar kompetittiv u volatili, u b'hekk tiddefendi l-interessi strateġiċi tagħha.

2. AFFERMAZZJONI MILL-ĠDID TAL-IMPENN TAL-UE LEJN IT-TRASPARENZA INTERNAZZJONALI U L-VALURI FUNDAMENTALI FIR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Flimkien mas-sħab madwar id-dinja, l-UE implimentat id-Djalogu Multilaterali dwar il-Prinċipji u l-Valuri għall-Kooperazzjoni Internazzjonali fir-R&I, li rriżulta fl-approvazzjoni tad-Dikjarazzjoni ta' Brussell f'konferenza ministerjali internazzjonali fi Frar 2024. Il-Kummissjoni ssuġġeriet li tinbeda l-fażi li jmiss tad-djalogu, billi jitwessgħu s-sensibilizzazzjoni ġeografika u l-firxa tematika tiegħu. Il-Kummissjoni bdiet tiżviluppa wkoll qafas Ewropew għad-diplomazija xjentifika, billi ppreżentat rapport b'rakkomandazzjonijiet tal-esperti mfassla b'mod konġunt mix-xjenzati u d-diplomatiċi. Bl-assoċjazzjoni ta' New Zealand, il-Kanada, ir-Renju Unit, ir-Repubblika tal-Korea, l-Iżvizzera u l-Eġittu ma' Orizzont Ewropa, l-UE komplet toħloq b'suċċess rabtiet b'saħħithom fir-riċerka u l-innovazzjoni ma' sħab ewlenin barra mill-pajjiż.

2.1 Prinċipji u valuri fil-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni

Wara t-tnedija tad-Djalogu Multilaterali dwar il-Prinċipji u l-Valuri għall-Kooperazzjoni Internazzjonali fir-R&I f'Lulju 2022, il-Kummissjoni impenjat ruħha mas-sħab globali tagħha biex tiddiskuti kwistjonijiet relatati mal-eċċellenza fir-riċerka, il-valorizzazzjoni tal-għarfien, is-sigurtà tar-riċerka, u sħubijiet ekwi fir-riċerka u l-innovazzjoni ma' pajjiżi bi dħul baxx u medju. Dan laħaq il-qofol tiegħu f'konferenza ministerjali internazzjonali li saret taħt il-Prezidenza Belġjana tal-Kunsill tal-UE fi Frar 2024, li approvat dikjarazzjoni ministerjali dwar il-prinċipji u l-valuri għall-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni, magħrufa bħala d-Dikjarazzjoni ta' Brussell⁶.

⁴ 12301/21 RECH 425.

⁵ Pereżempju, *Much more than a market* (ir-rapport Letta), *The Future of European Competitiveness* (ir-rapport Draghi), *Safer Together – Strengthening Europe's Civilian and Military Preparedness and Readiness* (ir-rapport Niinistö), *Align, Act, Accelerate* (ir-rapport Heitor).

⁶ Ara https://research-and-innovation.ec.europa.eu/document/download/94d6bb42-1fe7-478c-b6b4-d0be4dfb0204_mt?filename=brussels-ministerial-statement-2024-02.pdf. Ir-Repubblika tat-Turkija approvat id-dikjarazzjoni ministerjali mingħajr l-Anness.

Wara t-talba fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Approċċ Globali għar-riċerka u l-innovazzjoni biex tiġi żviluppata Aġenda Ewropea għad-Diplomazija dwar ix-Xjenza⁷ u d-diskussjoni sussegwenti fil-Kunsill Kompetittività ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni inkarigat grupp ta' xjenzati u diplomatiċi biex iressqu rakkomandazzjonijiet speċifiċi għal qafas Ewropew futur għad-diplomazija dwar ix-xjenza⁸. Ir-rakkomandazzjonijiet żviluppatti mill-130 espert tad-diplomazija dwar ix-xjenza, li jipproponu strumenti strateġiċi, operattivi u abilitanti meħtieġa biex jappoġġaw it-tmexxija Ewropea fid-diplomazija dwar ix-xjenza, ġew ippubblikati fi Frar 2025 f'rapport ta' esperti⁹. Pass importanti f'dan il-proċess kien l-ewwel Konferenza Ewropea dwar id-Diplomazija dwar ix-Xjenza f'Diċembru 2023, li ppermettiet lill-komunità Ewropea tad-diplomazija dwar ix-xjenza li tirrifletti fuq approċċ strateġiku¹⁰.

Workshops u diskussjonijiet immirati, inkluż dwar id-diplomazija dwar ix-xjenza fil-Mediterran u l-ġestjoni tal-ilma transfruntier tax-Xmara Nil, ġew appoġġati mill-Kummissjoni biex turi l-valur tad-diplomazija dwar ix-xjenza fl-azzjoni. F'Ottubru 2025, ġie organizzat l-ewwel djalogu bejn l-UA u l-UE dwar id-Diplomazija dwar ix-Xjenza, li wassal għar-rikonoxximent tad-diplomazija dwar ix-xjenza bħala triq ġdida fid-Djalogu ta' Livell Għoli dwar il-Politika tax-Xjenza, it-Teknoloġija u l-Innovazzjoni bejn l-Unjoni Afrikana u l-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, il-Kummissjoni appoġġat l-Alleanza tad-Diplomazija dwar ix-Xjenza tal-UE¹¹ li tlaqqa' flimkien lil istituzzjonijiet ewlenin dwar il-kwistjoni.

F'April 2024, l-UE ffirmat Dikjarazzjoni Ministerjali tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD, Organisation for Economic Co-operation and Development) dwar Politiki Trasformattivi tax-Xjenza, it-Teknoloġija u l-Innovazzjoni għal Futur Sostenibbli u Inklużiv, li ssaħħaħ il-prinċipji u l-valuri kondiviżi fil-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni, inklużi r-reċiproċità, it-trasparenza, ir-responsabbiltà, u l-benefiċċju reċiproku¹². L-UE qed tikkoppresjedi l-grupp ta' ħidma tal-G7 dwar ix-Xjenza Miftuħa li jikkontribwixxi għall-allinjament u l-kollaborazzjoni internazzjonali dwar l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika tax-xjenza miftuħa. L-UE u l-Istati Membri tagħha pprovdew ukoll appoġġ għal riċerkaturi f'riskju, b'mod partikolari permezz tal-proġett SAFE¹³.

F'konformità mar-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Jannar 2024, il-Kummissjoni nediet studju ddedikat biex tipprovdi bażi ta' evidenza għal proposta leġiżlattiva dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tal-libertà tar-riċerka xjentifika fl-UE, ippubblikat f'Ottubru 2025¹⁴. Il-Kummissjoni ppromwoviet fil-livell internazzjonali l-Kodiċi ta' Kondotta Ewropew għall-Integrità tar-Riċerka¹⁵ u l-Kodiċi ta' Kondotta Globali għal

⁷ 12301/21 RECH 425.

⁸ https://research-and-innovation.ec.europa.eu/news/all-research-and-innovation-news/launch-eu-science-diplomacy-working-groups-results-call-expressions-interest-published-2023-12-06_mt

⁹ https://research-and-innovation.ec.europa.eu/document/download/0841de12-0dd2-4459-b59c-050943c04acd_mt

¹⁰ <https://eu-science-diplomacy.service-facility.eu/>

¹¹ <https://www.science-diplomacy.eu/>

¹² <https://legalinstruments.oecd.org/en/instruments/OECD-LEGAL-0501>.

¹³ <https://saferesearchers.eu/>

¹⁴ <https://op.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/0ad627da-a7ed-11f0-a7c5-01aa75ed71a1/language-mt>

¹⁵ <https://allea.org/code-of-conduct/>

Šhubijiet ta' Riċerka Ekwa¹⁶, komplet torganizza l-Forum tal-Kunsill Nazzjonali tal-Etika (NEC, National Ethics Council) darbtejn fis-sena, u ħadet sehem attiv fl-inizjattiva Voluntiera fir-Riċerka u l-Etika (VolREthics, Volunteers in Research and Ethics)¹⁷. L-implimentazzjoni tal-kriterju ta' eliġibbiltà tal-Pjan għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri (GEP, Gender Equality Plan) f'Orizzont Ewropa¹⁸ kienet pass ewlieni fl-avanz tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fir-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż fil-livell internazzjonali.

2.2. Dimensjoni internazzjonali ta' Orizzont Ewropa

Il-parteċipazzjoni fil-Programm Qafas permezz ta' assoċjazzjoni hija l-eqreb forma ta' kooperazzjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni ma' pajjiżi mhux tal-UE. F'Lulju 2023, New Zealand saret l-ewwel pajjiż lil hinn mill-viċinanza tal-UE li ssieħeb ma' Orizzont Ewropa, segwit mir-Renju Unit u mill-Kanada fl-2024 u mir-Repubblika tal-Korea, mill-Iżvizzera u mill-Eġittu fl-2025. Negozjati ta' assoċjazzjoni ġew konklużi mal-Ġappun u nb dew taħditiet esploratorji mal-Awstralja.

Il-Pilastru I ta' Orizzont Ewropa jispikka għad-dimensjoni internazzjonali tiegħu, b'8,7 % tal-parteċipanti li ġejjin minn pajjiżi mhux assoċjati mhux tal-UE, segwit mill-Pilastru II (5,5 %), il-Pilastru III (2,5 %), u fl-aħħar nett l-Azzjonijiet tat-Twessigħ tal-Parteċipazzjoni u Tisħiħ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (WIDERA, Widening Participation and Strengthening the European Research Area) (2,4 %). Il-pajjiżi assoċjati jospitaw 11,8 % tal-parteċipanti fil-Pilastru I, 9,7 % tal-parteċipanti fil-Pilastru II, 7,8 % tal-parteċipanti fil-Pilastru III u 14,8 % tal-parteċipanti fl-azzjonijiet tad-WIDERA¹⁹.

L-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA, Marie Skłodowska-Curie Actions), l-aktar komponent internazzjonali ta' Orizzont Ewropa, huma essenzjali għall-istabbiliment ta' šhubijiet internazzjonali tar-R&I. Fost ir-riċerkaturi magħżula taħt il-boroż ta' studju tal-MSCA, 46 % ma kinux mill-UE, jiġifieri 37 % minn pajjiżi mhux assoċjati mhux tal-UE, u 9 % minn pajjiżi assoċjati. L-MSCA jirrappreżentaw madwar 50 % tal-parteċipazzjoni totali ta' organizzazzjonijiet minn pajjiżi mhux assoċjati mhux tal-UE f'Orizzont Ewropa. Għal ħafna pajjiżi, aktar minn 50 % tal-parteċipazzjoni totali tagħhom fi proġetti ta' Orizzont Ewropa sseħħ permezz tal-MSCA. F'Mejju 2025 tnediet Azzjoni ġdida ta' Koordinazzjoni u Appoġġ biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali u l-parteċipazzjoni globali fl-MSCA²⁰.

Sabiex tisfrutta r-rwol tagħhom bħala nodi tal-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni, l-UE komplet tiffinanzja l-aċċess transnazzjonali għall-infrastrutturi tar-riċerka, inklużi dawk immexxija miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni²¹, anke għall-utenti minn pajjiżi mhux assoċjati mhux tal-UE. L-UE tippromwovi wkoll l-aċċess internazzjonali fil-Grupp tal-G7 ta' Uffiċjali Għolja dwar l-Infrastrutturi Globali tar-Riċerka²². Fl-2024, il-Kummissjoni approvat id-Dikjarazzjoni ta' Brisbane²³ li tħeġġeġ lill-

¹⁶ <https://www.globalcodeofconduct.org/>

¹⁷ <https://www.inserm.fr/en/ethics/volrethics/>

¹⁸ Implimentati mis-sejħiet għal proposti b'dati tal-għeluq ta' mill-2022 'il quddiem.

¹⁹ Ċifri skont id-dashboard ta' Orizzont Ewropa fit-02/07/2025.

²⁰ MSCA Global Cooperation: Policy Enhancement and Strategic Promotion (<https://msca-glopol.eu/>)

²¹ https://joint-research-centre.ec.europa.eu/tools-and-laboratories/open-access-jrc-research-infrastructures_mt

²² <https://www.gsogri.org/>

partijiet ikkonċernati kollha tal-infrastruttura tar-riċerka biex jintensifikaw il-kollaborazzjoni fl-infrastrutturi internazzjonali tar-riċerka biex jindirizzaw l-isfidi globali. F’Settembru 2025, il-Kummissjoni adottat Strateġija Ewropea għall-Infrastrutturi tar-Riċerka u tat-Teknoloġija li tinkludi azzjonijiet biex tissaħħaħ id-dimensjoni internazzjonali tagħhom.

3. RIEKWILIBRIJU TAL-APPROĊĠ GLOBALI TAL-UE GĦAR-R&I: LEJN KUNDIZZJONIJIET EKWI TA’ KOMPETIZZJONI U REĊIPROĊITÀ

Sabiex il-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni tibqa’ miftuħa u sigura, fl-2024 l-UE adottat rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tar-riċerka biex taħdem lejn kundizzjonijiet ekwi fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka. L-UE ħadet passi sodi biex iżżid ir-reżiljenza tagħha għall-interferenza u l-koerċizzjoni barranin billi wettqet valutazzjonijiet ta’ teknoloġiji kritiċi, ippromwoviet l-investment fir-riċerka u l-innovazzjoni f’dawn l-oqsma, irrestrinġiet l-aċċess għal Orizzont Ewropa meta strettament meħtieġ, u stabbiliet sħubijiet strateġiċi ġodda.

Ir-riċerkaturi huma dejjem aktar esposti għal riskji tas-sigurtà meta jikkooperaw fuq livell internazzjonali, hekk kif ir-riċerka u l-innovazzjoni Ewropej huma ffaċċjati b’interferenza barranija u manipulazzjoni tal-informazzjoni, u l-potenzjal għal użu ħażin b’modi li jistgħu jaffettwaw is-sigurtà tal-UE jew jiksru l-valuri tal-UE u d-drittijiet fundamentali. Birakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tar-riċerka²⁴, adottata f’Mejju 2024, l-UE issa għandha bażi soda biex tindirizza r-riskji għas-sigurtà relatati mal-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni. B’din ir-rakkomandazzjoni, li tkopri mhux biss lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, iżda wkoll lill-finanzjaturi pubbliċi tar-riċerka u lill-universitajiet, l-UE żviluppat, għall-ewwel darba, definizzjoni komuni tar-riskji għas-sigurtà tar-riċerka, flimkien ma’ approċċ komuni għall-valutazzjoni tar-riskju tar-riċerka. F’Ottubru 2025, il-Kummissjoni organizzat l-ewwel Konferenza Ewlenija Ewropea dwar is-Sigurtà tar-Riċerka biex tiffaċilita l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki.

Il-ħidma fuq is-sigurtà tar-riċerka hija parti minn sforz usa’ biex tittejjeb is-sigurtà ekonomika tal-UE²⁵. B’mod partikolari, is-sigurtà tar-riċerka għandha tgħin biex tiġi evitata r-rilokazzjoni tat-teknoloġija, jiġifieri t-trasferiment mhux mixtieq ta’ għarfien u teknoloġija kritiċi permezz ta’ kooperazzjoni akkademika internazzjonali, filwaqt li fl-istess ħin jiġi ppreservat l-approċċ tal-UE għal-libertà akkademika u l-libertà tar-riċerka xjentifika.

Parti ewlenija minn din il-ħidma tinvolvi l-valutazzjoni tar-riskji relatati ma’ ċerti teknoloġiji abilitanti jew kritiċi, bħalma huma l-intelliġenza artifiċjali (IA), il-bijoteknoloġija, is-semikondutturi avanzati u t-teknoloġiji kwantistiċi, proċess imwettaq bl-involviment tal-Istati Membri u ta’ partijiet ikkonċernati oħra. Filwaqt li dawn il-valutazzjonijiet kritiċi tat-teknoloġija jmorru lil hinn mill-politika tar-riċerka u l-innovazzjoni, ir-riżultat ta’ din il-

²³ <https://icri2024.au/about-icri/brisbane-statement/>

²⁴ C/2024/3510.

²⁵ Ara JOIN(2023) 20 final u JOIN(2025) 977 final.

ħidma huwa mistenni li jsawwar ukoll il-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni fis-snin li ġejjin. Il-Kummissjoni qed taħdem ma' pajjiżi tal-istess fehma dwar is-sigurtà ekonomika, tippromwovi l-kapaċitajiet tat-teknoloġiji kritiċi tal-UE stess, u tistabbilixxi diversi salvagwardji biex tipproteġi lill-UE mill-użu ħażin potenzjali tagħhom.

F'Jannar 2024, il-Kummissjoni ppubblikat White Paper dwar għażliet għat-tisħiħ tal-appoġġ għar-riċerka u l-iżvilupp li jinvolvu teknoloġiji b'potenzjal ta' użu doppju²⁶. Minn dak iż-żmien 'il hawn, diversi dokumenti strateġiċi kkontribwew aktar informazzjoni għar-riflessjoni dwar ir-riċerka u l-iżvilupp b'użu doppju, filwaqt li tqiesu r-riskji tal-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni skont ir-raġunament tar-riċerka u l-potenzjal ta' użu doppju²⁷.

Il-Kummissjoni ħadet ukoll passi ulterjuri biex ir-riċerka ta' Orizzont Ewropa tagħmilha reżistenti għas-sigurtà, billi llimitat il-parteċipazzjoni, fuq bażi eċċezzjonali, għal entitajiet mill-Istati Membri u ċerti pajjiżi mhux tal-UE fl-oqsma tat-teknoloġiji kwantistiċi, tat-teknoloġiji tan-networks tal-komunikazzjoni bl-użu tal-IA, tal-batteriji, tal-ispazju u tal-materja prima kritika²⁸. Fil-programm ta' ħidma ta' Orizzont Ewropa 2023-2024, l-Artikolu 22(5) tar-Regolament Orizzont Ewropa ġie applikat għal 33 suġġett²⁹, filwaqt li fil-programm ta' ħidma tal-2025, b'kollox ġie applikat għal 37 suġġett. Miżuri ulterjuri fis-seħħ huma, pereżempju, obbligi addizzjonali dwar l-isfruttament tar-riżultati tar-riċerka u d-dritt tal-Kummissjoni li toġġezzjona għat-trasferiment ta' proprjetà intellettuali (PI) lil pajjiżi barra mill-UE u mhux assoċjati mal-Programm³⁰.

Il-Kummissjoni ddeċidiet ukoll li tirrestrinġi l-aċċess għal riċerka qrib is-suq għal pajjiżi mhux assoċjati mhux tal-UE fejn tqies li l-kundizzjonijiet qafas li jiżguraw kundizzjonijiet ekwi fil-kooperazzjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni ma kinux fis-seħh³¹. L-entitajiet ivvalutati bħala fornituri b'riskju għoli ta' tagħmir ta' networks ta' komunikazzjoni ma jiddux sehem f'azzjonijiet marbuta mal-iżvilupp ta' teknoloġiji ta' networks ta' komunikazzjoni, f'konformità mal-Komunikazzjoni ta' Ġunju 2023 dwar l-implimentazzjoni tas-sett ta' għodod taċ-ċibersigurtà 5G³².

²⁶ COM(2024) 27 final.

²⁷ Ara https://research-and-innovation.ec.europa.eu/news/all-research-and-innovation-news/new-publications-dual-use-provide-strategic-input-future-eu-ri-policies-2025-06-25_mt

²⁸ L-Artikolu 22(5) tar-Regolament Orizzont Ewropa jagħmilha possibbli li l-parteċipazzjoni tiġi limitata għal entitajiet legali stabbiliti fl-Istati Membri jew f'pajjiżi assoċjati jew pajjiżi oħrajn mhux tal-UE speċifikati kif identifikati fil-programm ta' ħidma biex jiġu ssalvagwardjati l-assi strateġiċi, l-interessi, l-awtonomija jew is-sigurtà tal-UE. Jistgħu jiġu applikati wkoll restrizzjonijiet għal entitajiet stabbiliti f'pajjiżi li huma eliġibbli iżda li huma kkontrollati direttament jew indirettament minn pajjiż mhux eliġibbli jew minn entità stabbilita f'pajjiż mhux eliġibbli.

²⁹ Inklużi l-emendi approvati fl-2024. Barra minn hekk, l-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew (EuroHPC, European High Performance Computing) għamlet użu mill-Artikolu 22(5) f'azzjoni waħda fil-programm ta' ħidma tagħha għall-2023.

³⁰ L-Artikoli 39 u 40 tar-Regolament Orizzont Ewropa.

³¹ Fejn xieraq u ġġustifikat kif xieraq, l-Artikolu 22(6) tar-Regolament Orizzont Ewropa jippermetti l-inklużjoni ta' kriterji ta' eliġibbiltà addizzjonali biex jitqiesu r-rekwiżiti speċifiċi tal-politika jew in-natura u l-oġettivi tal-azzjoni inkwistjoni.

³² C(2023) 4049 final.

4. AKKOMUNAMENT TAL-ISFORZI GLOBALI BIEX FLIMKIEN NINDIRIZZAW L-ISFIDI GLOBALI

Fir-rigward tat-tranżizzjoni ekoloġika, il-Kummissjoni appoġġat l-iżvilupp ta' Pjattaforma Internazzjonali għas-Sostenibbiltà tal-Oċeani (IPOS, International Platform for Ocean Sustainability), kompliet tappoġġa l-Alleanza għar-Riċerka u l-Innovazzjoni dwar l-Oċean Atlantiku (AAORIA, All-Atlantic Ocean Research and Innovation Alliance), u adottat pjan direzzjonali konġunt ġdid mal-Kummissjoni Oċeanografika Intergovernattiva tal-UNESCO. Hija kkollaborat fit-tmexxija flimkien mal-Missjoni ta' Idroġenu Nadif u mal-Missjoni ta' Tranżizzjonijiet Urbani taħt il-Missjoni Innovazzjoni, u appoġġat pjattaformi ta' għarfien dwar it-tkabbir ekoloġiku, filwaqt li kompliet tinvolvi ruħha fuq livell internazzjonali, inkluż fl-Inizjattiva tal-G20 dwar il-Bijoeconomija.

Fil-qasam tat-tranżizzjoni diġitali, il-Kummissjoni għandha sħubijiet diġitali avvanzati ma' sħab globali f'oqsma bħall-IA, il-computing kwantistiku, u l-konnettività. Appoġġat ukoll attivitajiet globali dwar is-saħħa, inkluż permezz tat-tielet programm tas-Sħubija għall-Provi Kliniċi bejn Pajjiżi Ewropej u Pajjiżi li qed Jiżviluppaw (Saħħa Globali EDCTP3, European and Developing Countries Clinical Trials Partnership). Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni qed tippromwovi attivitajiet ta' innovazzjoni fuq livell internazzjonali permezz tal-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC, European Innovation Council) u l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (EIT, Institute of Innovation and Technology) kif ukoll permezz tal-valorizzazzjoni tal-għarfien.

4.1. Tmexxija tal-isforzi globali lejn tranżizzjoni ekoloġika ġusta

L-investment fir-riċerka u l-innovazzjoni permezz ta' Orizzont Ewropa jgħin fl-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi, il-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal, u ftehimiet internazzjonali oħra. Dan l-investment ifforma wkoll l-aġendi u kkontribwixxa għall-ħidma ta' għadd ta' organizzazzjonijiet fl-interfaċċja bejn ix-xjenza u l-politika³³. L-importanza tal-involvement tal-UE jeħtieġ li titqies ukoll fid-dawl tal-bidliet fundamentali fl-approċċ tal-Istati Uniti fir-rigward tat-tibdil fil-klima, ta' kwistjonijiet ambjentali, u tar-rwol tax-xjenza fit-tfassil tal-politika.

Il-Komunikazzjoni Konġunta dwar l-Aġenda tal-UE dwar il-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani³⁴ enfasizzat il-ħtieġa li jinkiseb għarfien konsiderevoli dwar l-oċeani sabiex tiġi appoġġata l-ġestjoni sostenibbli. Studju ta' fattibbiltà tal-2023 sab li l-għarfien huwa frammentat u huwa ta' spiss inadegwat għat-teħid ta' deċizzjonijiet urġenti³⁵. Bi tweġiba għal

³³ Inkluż il-Grupp dwar l-Osservazzjonijiet tad-Dinja (GEO, Group on Earth Observations), il-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC, Intergovernmental Panel on Climate Change), il-Pjattaforma Intergovernattiva tal-Politika tax-Xjenza dwar il-Bijodiversità u s-servizzi Ekosistemiċi (IPBES, Intergovernmental Science-Policy Platform on Biodiversity and Ecosystem Services), il-Bord Internazzjonali tar-Riżorsi (IRP, International Resource Panel), u inizjattivi oħra bħas-Sħubija Globali għall-Ħamrija.

³⁴ JOIN(2022) 28 final.

³⁵ Il-Kummissjoni Ewropea: Id-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, *Seascope assessment – Feasibility study for the establishment of an Intergovernmental Panel for Ocean Sustainability (IPOS)*, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023, <https://data.europa.eu/doi/10.2771/903406>

dan, il-Kummissjoni qed issegwi l-ħidma biex tiġi stabbilita l-Pjattaforma Internazzjonali għas-Sostenibbiltà tal-Oċeani (IPOS, International Platform for Ocean Sustainability) bħala mekkaniżmu katalitiku għdid biex tinforma lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet pubbliċi u privati dwar l-użu u l-protezzjoni sostenibbli tal-oċeani.

Il-Kummissjoni mexxiet l-implimentazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-Alleanza għar-Riċerka u l-Innovazzjoni dwar l-Oċean Atlantiku (AAORIA, Atlantic Ocean Research and Innovation Alliance) tal-2022 biex tappoġġa l-kooperazzjoni fir-riċerka dwar l-oċeani fl-Atlantiku. Ħames sħab ġodda (ir-Renju Unit, in-Norveġja, l-Iżlanda, is-Senegal u l-Ghana) ingħaqdu mal-AAORIA, bil-ħidma tagħha tiffoka fuq iż-żieda tar-reżiljenza tal-komunitajiet kostali, il-koordinazzjoni tal-osservazzjoni tal-oċeani u t-titjib tal-immudellar.

Fil-Konferenza tan-NU dwar l-Oċeani tal-2025, il-Kummissjoni ħabbret Inizjattiva għall-Osservazzjoni tal-Oċeani, li tenfasizza l-importanza tas-Sistema Globali ta' Osservazzjoni tal-Oċeani u l-impenn tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni Ewropea u l-Kummissjoni Oċeanografika Intergovernattiva tal-UNESCO (IOC-UNESCO, Intergovernmental Oceanographic Commission-UNESCO) adottaw pjan direzzjonali konġunt biex isaħħu l-kooperazzjoni fid-Deċennju tan-NU tax-Xjenza dwar l-Oċeani għall-Iżvilupp Sostenibbli 2021-2030, u b'hekk jallinjaw l-isforzi tal-UE u tal-UNESCO³⁶.

Fl-2023, il-Kummissjoni Ewropea, bi sħubija mal-Kummissjoni tal-Unjoni Afrikana, stabbiliet Grupp Strateġiku Afrika-Ewropa għall-Oċeani, immexxi mill-Fondazzjoni Afrika-Ewropa bil-finanzjament tal-UE, biex tippromwovi l-kooperazzjoni xjentifika dwar kwistjonijiet relatati mal-oċeani bejn iż-żewġ kontinenti.

Permezz tal-“Missjoni Innovazzjoni 2.0”³⁷, il-Kummissjoni ppromwoviet l-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Bi tmexxija konġunta tal-Missjoni tagħha ta' “Idroġenu Nadif”³⁸, il-Kummissjoni qed tagħti spinta lill-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni biex tappoġġa t-tkabbir ta' katina tal-valur globali tal-idroġenu nadif. Mill-2024, il-Missjoni identifikat 101 proġett tal-EU u globali tal-widien tal-idroġenu³⁹ f'38 pajjiż, bl-oġettiv li tiffaċilita t-twassil ta' widien tal-idroġenu integrati fuq skala kbira sal-2030.

Taħt il-Missjoni ta' “Tranżizzjonijiet Urbani”⁴⁰ u filwaqt li tibni fuq il-Missjoni Ewropea “Bliet Newtrali għall-Klima u Intelliġenti”, il-Kummissjoni qed tmexxi b'mod konġunt ħidma ma' grupp ta' bliet ambizzjużi madwar id-dinja biex issaħħaħ il-viżjonijiet tagħhom ta' newtralità karbonika u tħaffef l-implimentazzjoni. Mill-2023, dan il-koorti kiber biex jinkludi 117-il belt f'47 pajjiż, b'appoġġ approvdut taħt il-programm City2City li tnieda f'Novembru 2025.

³⁶ https://research-and-innovation.ec.europa.eu/document/download/2e5f29fb-cb0c-4d0d-8840-97ce0ee9730c_mt?filename=ec_rtd_roadmap-cooperation-un-decade-ocean-science.pdf

³⁷ Missjoni Innovazzjoni hija forum internazzjonali ewlieni, li jlaqqa' lill-pajjiżi responsabbli għal 90 % tal-finanzjament pubbliku għall-innovazzjoni fl-enerġija.

³⁸ <https://mission-innovation.net/missions/hydrogen/>

³⁹ <https://h2v.eu/>

⁴⁰ <https://urbantransitionsmission.org/>

F'konformità mal-Istrateġija Global Gateway⁴¹, l-UE għenet lill-pajjiżi sħab jaçcessaw id-data ambjentali permezz ta' inizjattivi mmirati lejn it-tiżiż tal-interfaçça bejn ix-xjenza u l-politika, inkluż il-Programm għall-Ġestjoni tal-Bijodiversità u Ż-Żoni Protetti (BIOPAMA, Biodiversity and Protected Areas Management) u s-Sħubija għall-Għarfien dwar it-Tkabbir Ekoloġiku. Il-Kummissjoni stabbiliet ukoll pjattaforma internazzjonali għall-ġestjoni tal-għarfien biex tikkondividi l-informazzjoni dwar l-istandards, il-gwida u l-opportunitajiet ta' finanzjament fil-qafas tal-inizjattiva dwar il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida⁴².

4.2. Promozzjoni tat-tranżizzjoni diġitali

F'Ġunju 2025, il-Kummissjoni adottat l-Istrateġija Diġitali Internazzjonali għall-UE, li tistabbilixxi l-viżjoni tal-UE għat-tiżiż tal-kooperazzjoni diġitali internazzjonali tagħha⁴³. Din l-istrateġija tiffoka fuq it-tiżiż tal-kompetittività Ewropea, il-promozzjoni ta' aġenda diġitali għas-sigurtà tal-Ewropa u s-sħab tagħha, u t-tfassil ta' governanza u standards diġitali globali.

Ġew stabbiliti Sħubijiet Diġitali mal-Ġappun, mar-Repubblika tal-Korea, ma' Singapore u mal-Kanada⁴⁴. Dawn jiffokaw fuq l-isforzi kollaborattivi biex javvanzaw teknoloġiji ewlenin bħall-IA, is-semikondutturi, il-computing ta' prestazzjoni għolja, il-computing kwantistiku, in-networks 5G/6G, il-governanza tad-data, l-istandardizzazzjoni, u l-pjattaformi online.

Minn Mejju 2023, il-Kunsill tal-Kummerç u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Indja stabbilixxa l-pedament għall-kooperazzjoni f'oqsma ewlenin, inklużi s-semikondutturi, l-infrastruttura pubblika diġitali, il-ħiliet diġitali, l-IA, il-computing ta' prestazzjoni għolja, u l-istandardizzazzjoni tal-IT u tat-telekomunikazzjoni. Il-Kunsill tal-Kummerç u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Istati Uniti għamel progress sinifikanti sa mill-bidu tiegħu fl-2021, li wassal għal riżultati tanġibbli fl-IA, fit-teknoloġiji kwantistiċi, fl-istandardizzazzjoni, fis-semikondutturi, fil-pjattaformi online u fis-6G.

L-Alleanza Diġitali UE-Amerika Latina u Karibew (LAC, EU-Latin America and Caribbean)⁴⁵ hija qafas ta' kooperazzjoni bireġjonali pijunier. Il-proġett EU-LAC dwar Sħubija Strateġika għall-Implimentazzjoni ta' Djalogi Diġitali fil-Kooperazzjoni dwar ir-R&I (SPIDER, Strategic Partnership for the Implementation of Digital Dialogues in R&I Cooperation) jiffoka fuq l-adozzjoni ta' approçċ inklużiv u ċċentrat fuq il-bniedem għat-trasformazzjoni diġitali f'oqsma li jistgħu jibbenefikaw mill-interkonnettività ta' kapaċità għolja pprovduta mill-infrastruttura tal-Bini tal-Konnessjoni tal-Ewropa mal-Amerika Latina (BELLA, Building the Europe Link to Latin America)⁴⁶. L-inizjattiva tal-kejbil BELLA kienet appoġġata min-network Ewropew GEANT⁴⁷, li jgħaqqad il-komunitajiet tar-riċerka u tal-edukazzjoni f'aktar minn 110 pajjiż minn madwar id-dinja permezz tas-sħubijiet tiegħu,

⁴¹ JOIN(2021) 30 final.

⁴² <https://knowledge-management.new-european-bauhaus.europa.eu/>

⁴³ JOIN(2025) 140 final.

⁴⁴ <https://digital-strategy.ec.europa.eu/mt/policies/partnerships>

⁴⁵ https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_23_1598

⁴⁶ https://international-partnerships.ec.europa.eu/policies/programming/programmes/bella-building-europe-link-latin-america_mt

⁴⁷ https://network.geant.org/international_connectivity/

bl-użu tan-networks tal-fibra siguri tiegħu stess biex jgħaqqad lill-fornituri tad-data fis-sistema globali tar-riċerka. F'Ottubru 2025, tnedja n-Network tal-Computing ta' Prestazzjoni Għolja UE-LAC. Billi jgħaqqdu s-superkompjuters tal-UE u tal-LAC permezz ta' BELLA, ix-xjenzati miż-żewġ reġjuni se jaħdmu flimkien biex iwettqu simulazzjonijiet, janalizzaw il-big data u jittestjaw mudelli ta' pproċessar mill-aktar avvanzati biex jindirizzaw sfidi globali urġenti, mill-immudellar tal-klima u l-iskoperta ta' mediċini għall-intelliġenza artifiċjali.

Filwaqt li tibni fuq is-suċċess tal-kejbil BELLA bejn l-Ewropa u l-Amerika Latina, il-Kejbil EurAfrika Gateway hija mistennija li tipprovdi sistema reżiljenti ta' kejbil sottomarin tul il-kosta tal-Oċean Atlantiku tal-Afrika, u b'hekk issaħħaħ aktar il-konnettività fir-reġjun.

4.3. Tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar is-saħħa globali

L-istrateġija tal-UE għas-Saħħa Globali⁴⁸ ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew f'Jannar 2024⁴⁹. Din tidentifika r-riċerka u l-innovazzjoni bħala faċilitaturi ewlenin għal saħħa aħjar, sistemi tas-saħħa aktar b'saħħithom u kopertura tas-saħħa universali, flimkien mad-diġitalizzazzjoni u ħaddiema b'ħiliet speċjalizzati.

Il-Kummissjoni avvanzat b'mod sinifikanti fil-preparatezza għall-pandemiji minn mindu bdiet il-pandemija tal-Covid-19, billi kkombinat il-kapaċità ta' rispons immedjat ma' investimenti fil-preparatezza fit-tul. Billi investiet EUR 1,28 biljun f'aktar minn 121 azzjoni fir-riċerka u l-iżvilupp bejn l-2022 u l-2025, il-Kummissjoni aċċellerat l-iżvilupp u l-ittestjar ta' kontromiżuri mediċi, u saħħet ukoll ir-reżiljenza tal-UE kontra pandemiji futuri.

Il-Kummissjoni żiedet il-koordinazzjoni tagħha tal-finanzjaturi tar-riċerka dwar is-saħħa globali, pereżempju billi kienet waħda mill-kopresidenti tal-Kollaborazzjoni Globali ta' Riċerka għat-Tħejjija għall-Mard Infettiv (GloPID-R, Global Research Collaboration for Infectious Disease Preparedness)⁵⁰ u appoġġat l-Alleanza Globali għall-Mard Kroniku (GACD, Global Alliance for Chronic Diseases)⁵¹. Il-Kummissjoni appoġġat ukoll il-preparazzjonijiet għal sħubijiet ġodda, inkluża l-Alleanza Ewropea għar-Riċerka dwar il-Mard Rari (ERDERA, European Rare Diseases Research Alliance)⁵².

L-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 hija t-tielet iterazzjoni tas-Sħubija għall-Provi Kliniċi bejn Pajjiżi Ewropej u Pajjiżi li qed Jiżviluppaw⁵³. Fl-2024, iffinanzjat 74 proġett ta' riċerka dwar is-saħħa globali b'baġit totali ta' EUR 254 miljun. B'reazzjoni għat-tifqigħa tal-mpox tal-2024 fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK), l-Impriża Konġunta Saħħa Globali EDCTP3 attivat il-mekkaniżmu tagħha ta' finanzjament ta' emerġenza u nediet sejħa ta' emerġenza, bir-riżultat li ġew iffinanzjati 9 proġetti għal total ta' EUR 12,1 miljun, li jkopru studji tal-fażijiet 2, 3 u 4 dwar il-profilassi bil-vaċċini ta' kontra l-mpox qabel u wara l-esponiment, kif ukoll strateġiji ta' sorveljanza epidemjoloġika u studji epidemjoloġiċi.

⁴⁸ https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_22_7153

⁴⁹ <https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2024/01/29/eu-global-health-strategy-council-approves-conclusions/>

⁵⁰ www.glopid-r.org

⁵¹ www.gacd.org

⁵² <https://erdera.org/>

⁵³ <https://www.globalhealth-edctp3.eu/>

Il-Kummissjoni tappoġġa wkoll ir-riċerka dwar is-saħħa globali permezz ta' kollaborazzjoni mal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO, World Health Organization) u s-Sħubija Globali għar-Riċerka u l-Iżvilupp tal-Antibijotiċi (GARDP, Global Antibiotic Research and Development Partnership), billi tipprovdi EUR 28 miljun f'finanzjament (2022-2027) biex jitħaffef l-iżvilupp ta' trattamenti għal infezzjonijiet batteriċi reżistenti għall-mediċini u biex jiġu aġġornati l-listi ta' patoġeni prijoritarji. EUR 1 miljun minn dak il-finanzjament ġie assenjat biex jappoġġa lil SECURE, l-inizjattiva konġunta tal-WHO u tal-GARDP⁵⁴, li għandha l-għan li tespandi l-aċċess globali għall-antibijotiċi essenzjali għat-trattament tal-infezzjonijiet batteriċi reżistenti għall-mediċini. Il-Kummissjoni appoġġat l-iżvilupp ta' mediċini kontra t-tuberkulożi għat-tfal u vaċċin ġdid kontra t-tuberkulożi fl-ambitu tal-programm ta' ħidma dwar is-saħħa EU4Health tal-2023.

Il-Kummissjoni stabbiliet ftehim ta' kontribuzzjoni mal-WHO għall-Pjan ta' Azzjoni tagħha għar-Riċerka u l-Iżvilupp għall-Epidemiji b'baġit ta' EUR 7,42 miljun, biex tappoġġa l-iżvilupp ta' vaċċini u trattamenti siguri u effettivi kontra l-filovirus (inkluż l-Ebola u l-Marburg), u azzjonijiet ta' preparatezza interepidemika għat-tifqigħat futuri. Din il-ħidma dwar il-preparatezza ppermettiet l-implimentazzjoni rapida ta' provi kliniċi terapewtiċi u ta' vaċċini, b'mod partikolari matul it-tifqigħa tal-Ebola tal-2025 fl-Uganda.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni kompliet bl-impenn tagħha li tiftaħ il-kondiviżjoni u l-aċċess permezz tal-Koalizzjoni Globali tal-Bijodata, u dan għen biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tar-riżorsi globali tal-bijodata.

4.4. Promozzjoni tal-innovazzjoni

L-UE hija impenjata li tqiegħed lilha nnifisha bħala destinazzjoni attraenti għall-istartups, l-investituri, u l-korporazzjonijiet minn pajjiżi mhux tal-UE li jkunu qed ifittxu soluzzjonijiet innovattivi u proġetti ta' kliġenti ta' riskju. Dan huwa wieħed mill-oqsma ewlenin tal-Aġenda Ewropea Ġdida għall-Innovazzjoni u l-Istrateġija għall-kumpaniji Startup u Scaleup⁵⁵. Billi ssaħħaħ is-sħubijiet internazzjonali u toħloq mogħdijiet biex tattira t-talent u l-investment internazzjonali, pereżempju permezz tal-inizjattiva Agħżel l-Ewropa għax-Xjenza⁵⁶, l-UE għandha l-għan li tikkonsolida r-rwol tagħha bħala ċentru ewlieni għall-innovazzjoni u l-intraprenditorija, filwaqt li tixpruna l-iżvilupp sostenibbli u l-kompetittività fuq skala globali.

Fl-2025, il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni (EIC, European Innovation Council) ingħata parir mill-Bord tal-EIC biex jiżviluppa strateġija internazzjonali biex jagħti spinta lill-impatt globali tiegħu u jgħin lill-istartups u l-iscaleups Ewropej jespandu internazzjonalment. Il-parir għandu jiffoka fuq erba' prijoritajiet ewlenin: (1) it-trawwim ta' attivitajiet internazzjonali; (2) l-involviment ta' investituri u korporazzjonijiet internazzjonali; (3) l-istabbiliment ta' tmexxija minn esperti fil-qasam; u (4) li jiġi attirat it-talent internazzjonali. L-objettivi ewlenin huma li l-benefiċjarji tal-EIC jiġu meġġuna biex isiru globali filwaqt li jżommu l-kwartieri ġenerali tagħhom fl-Ewropa; li jiġu attirati innovaturi tat-teknoloġija

⁵⁴ <https://gardp.org/secure/>

⁵⁵ SWD(2025) 138 final.

⁵⁶ https://commission.europa.eu/topics/research-and-innovation/choose-europe_mt

avanzata lejn l-Ewropa, u li ssir kooperazzjoni ma' investituri internazzjonali interessati fil-kumpaniji tal-EIC.

F'Marzu 2024, il-Kummissjoni adottat żewġ rakkomandazzjonijiet b'appoġġ għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-prinċipji gwida għall-valorizzazzjoni tal-għarfien⁵⁷, jiġifieri l-Kodiċijiet ta' Prattika dwar il-ħolqien konġunt bejn l-industrija u l-akkademja⁵⁸ u dwar l-involvement taċ-ċittadini⁵⁹. Aktar minn 150 strateġija u prattika żviluppata fl-UE u lil hinn jistgħu jinstabu fir-repożitorju tal-Pjattaforma tal-UE għall-Valorizzazzjoni tal-Għarfien, li huwa rilevanti wkoll għas-sħab internazzjonali⁶⁰.

5. MODULAZZJONI TAL-KOOPERAZZJONI MAL-PAJJIŻI U MAR-REĠJUNI TA' PRIJORITÀ

L-iżviluppi ġeopolitiċi f'dawn l-aħħar snin affettwaw il-kooperazzjoni tal-UE fir-riċerka u l-innovazzjoni ma' pajjiżi oħra. Fil-viċinat tal-UE, id-dinamika kienet xprunata mill-assoċjazzjoni tar-Renju Unit u tal-Iżvizzera kif ukoll tal-pajjiżi kandidati għal Orizzont Ewropa. Il-parteċipazzjoni f'Orizzont Ewropa permezz ta' assoċjazzjoni saħħet ukoll ir-relazzjonijiet tal-UE fir-riċerka u l-innovazzjoni ma' ekonomiji industrijali ewlenin barra l-pajjiż. Fl-aħħar nett, kien hemm fokus imġedded fuq l-Afrika, l-Amerika Latina u l-Karibew kif ukoll l-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN, Association of Southeast Asian Nations), bl-iżvilupp ta' inizjattivi reġjonali ewlenin. Fil-kuntest bilaterali, qed jiġu indirizzati oqsma speċifiċi ta' interess għall-UE u għall-pajjiżi sħab, pereżempju, billi jkun hemm djalogu kostruttiv maċ-Ċina.

5.1. Integrazzjoni tal-kooperazzjoni fil-viċinat tal-UE

Ir-Renju Unit sar Pajjiż Assoċjat ma' Orizzont Ewropa fl-1 ta' Jannar 2024, u baġħat messaġġ qawwi ta' interessi kondiviżi kontinwi mal-UE. Fl-2024, ir-Renju Unit kellu prestazzjoni partikolarment tajba fis-sejħiet tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC, European Research Council), billi kien il-benefiċjarju ewleni tal-ġhotjiet għall-prova tal-kunċett imħabbra f'Lulju 2024, wieħed mill-benefiċjarji ewlenin tal-ġhotjiet tal-bidu mħabbra f'Settembru 2024, u li esperjenza żieda ta' 56 % fl-ġhotjiet ta' konsolidazzjoni mħabbra f'Diċembru 2024, meta mqabbla mas-sena preċedenti. Ir-Renju Unit kien ukoll l-akbar benefiċjarju tal-ġhotjiet tal-MSCA fl-2024.

Il-parteċipazzjoni tal-Iżvizzera, sieħba tal-UE għal tul ta' żmien fir-riċerka u l-innovazzjoni u parteċipanta attiva fil-passat matul l-assoċjazzjoni tagħha ma' programmi qafas preċedenti tar-riċerka u l-innovazzjoni, naqset matul l-ewwel snin ta' Orizzont Ewropa minħabba n-

⁵⁷ Ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/2415.

⁵⁸ Ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/774.

⁵⁹ Ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/736 – il-Kodiċijiet ta' Prattika adottati fl-2024 isegwu mill-inizjattiva tal-Kodiċijiet ta' Prattika adottati fl-2023 dwar il-ġestjoni tal-assi intellettuali u dwar l-istandardizzazzjoni.

⁶⁰ https://research-and-innovation.ec.europa.eu/research-area/industrial-research-and-innovation/eu-valorisation-policy/knowledge-valorisation-platform_mt

nuqqas ta' assoċjazzjoni. Bl-assoċjazzjoni tagħha effettiva mill-1 ta' Jannar 2025, ir-riċerkaturi u l-entitajiet Żvizzeri jistgħu jerrgħu jipparteċipaw fis-sejħiet għall-programmi.

Is-sistemi tar-riċerka u l-innovazzjoni tan-Norveġja u tal-Iżlanda, pajjiżi taż-Żona Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA, European Free Trade Area), huma marbutin profondament ma' dawk tal-UE, kif inhuma wkoll il-ktajjen tal-valur industrijali u n-networks akkademiċi. In-Norveġja b'mod partikolari, tagħti kontribut sinifikanti għall-eċċellenza tal-programmi qafas tar-riċerka u l-innovazzjoni.

Il-parteċipazzjoni tas-sħab mill-Balkani tal-Punent fil-programmi qafas tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-UE żdiedet b'mod sinifikanti u laħqet l-oġhla livell tagħha f'Orizzont Ewropa. L-isforzi tar-riċerka u l-innovazzjoni qed jiżdiedu b'mod partikolari permezz tal-Aġenda għall-Balkani tal-Punent dwar l-Innovazzjoni⁶¹, l-appoġġ għal infrastrutturi tar-riċerka orjentati lejn it-teknoloġija u l-integrazzjoni ulterjuri tar-reġjun fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka.

Fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant⁶², ġie implimentat monitoraġġ regolari tal-implimentazzjoni tal-ħames prijoritajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni ddefiniti fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-2021⁶³ bl-appoġġ tal-UE. Il-Faċilità ta' Appoġġ għall-Politika ta' Orizzont tat appoġġ espert lill-awtoritajiet tal-Moldova⁶⁴ u tal-Ukrajna⁶⁵ għat-tfassil tar-riformi fil-politika tar-riċerka u l-innovazzjoni. Minkejja s-sitwazzjoni ġeopolitika u ekonomika diffiċli fir-reġjun, il-ħames pajjiżi kollha rnexxielhom jimplementaw riformi governattivi, jadottaw u jniedu l-implimentazzjoni ta' strateġiji nazzjonali tax-xjenza, u jżidu l-parteċipazzjoni tagħhom f'Orizzont Ewropa meta mqabbla ma' Orizzont 2020.

Il-Kummissjoni ffokat fuq l-istabbiliment ta' miżuri ta' appoġġ speċifiċi għall-Ukrajna⁶⁶ u ffaċilitat il-parteċipazzjoni tal-Ukrajna fis-sejħiet tal-Programm ta' Riċerka u Taħriġ ta' Orizzont Ewropa u tal-Euratom. Pereżempju, skema speċifika ta' boroż ta' studju, MSCA4Ukraine, tappoġġa lil riċerkaturi spostati mill-Ukrajna u tippermettilhom ikomplu bl-attivitajiet ta' riċerka tagħhom fl-UE. F'konformità mal-komunikat tal-Ministri tax-Xjenza u t-Teknoloġija tal-G7 tal-2024, l-UE stabbiliet Koalizzjoni Internazzjonali għar-Riċerka, ix-Xjenza u l-Innovazzjoni fl-Ukrajna, flimkien mal-Ukrajna, il-presidenza Taljana tal-G7 u l-UNESCO, biex jinħareġ il-potenzjal tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-irkupru u r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna. L-istess għan, applikat għall-irkupru orjentat lejn il-klima f'ambjenti urbani,

⁶¹ <https://westernbalkans-infohub.eu/wp-content/uploads/2024/10/a-western-balkans-agenda-on-innovation-research-education-KI0221615ENN-1.pdf>

⁶² L-Armenja, l-Ażerbajġan, il-Belarużsja, il-Georgia, ir-Repubblika tal-Moldova u l-Ukrajna.

⁶³ SWD(2021) 186 final.

⁶⁴ <https://projects.research-and-innovation.ec.europa.eu/en/statistics/policy-support-facility/psf-country/support-moldova-reforms-public-rd-sector>

⁶⁵ <https://projects.research-and-innovation.ec.europa.eu/en/statistics/policy-support-facility/psf-country/support-ukraine-research-infrastructures-policies>

⁶⁶ L-ERA4Ukraine (<https://euraxess.ec.europa.eu/ukraine>) tagħti ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet kollha tal-UE u dawk nazzjonali, inklużi l-MSCA4Ukraine, l-offerti ta' xogħol tal-ERC, u l-iskema ta' boroż ta' studju tal-JRC-EUI (European University Institute, Istitut Universitarju Ewropew).

huwa segwit mill-inizjattiva l-ġdida SUN4Ukraine⁶⁷ tal-Missjoni Ewropea “Bliet Newtrali għall-Klima u Intelliġenti”.

L-Unjoni għall-Mediterran (UgħM) u l-UE żviluppaw u adottaw pjanijiet direzzjonali għar-riċerka u l-innovazzjoni dwar is-saħħa, it-tibdil fil-klima u l-enerġija rinnovabbli fil-livell ministerjali fl-2022, li jstabilixxu l-prijoritajiet għall-kollaborazzjoni u l-iżvilupp ekonomiku. L-Inizjattiva Mediterranja, immedija fil-programm ta' ħidma Orizzont Ewropa 2023–2024 u li kompliet fl-2025, tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' dawn il-pjanijiet direzzjonali u żiedet ir-riċerka kollaborattiva bejn l-UE u l-Mediterran b'madwar 60 %⁶⁸. Is-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA, Partnership for Research and Innovation in the Mediterranean Area)⁶⁹ tikkontribwixxi wkoll għal dawn l-isforzi fl-oqsma tal-agrikoltura u tal-ilma, wara li ġiet estiża f'April 2024 għal 3 snin oħra (2025–2027). Bħala l-inizjattiva ewlenija l-ġdida tal-UE biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni mas-sħab tan-Nofsinhar, il-Patt għall-Mediterran adottat f'Ottubru 2025⁷⁰ huwa opportunità biex il-kollaborazzjoni xjentifika titfassal mill-ġdid billi jiġu stabbiliti ċentri konġunti tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-Mediterran, tiġi promossa l-mobilità tar-riċerkaturi, jiġi appoġġat il-ħolqien ta' Ċentru ta' Diplomazija dwar ix-Xjenza, u jiġu avvanzati l-azzjonijiet tal-ekonomija blu. Dan seħħ wara l-adozzjoni tal-Komunikazzjoni Konġunta dwar l-approċċ strateġiku tal-Unjoni Ewropea għar-reġjun tal-Baħar l-Iswed f'Mejju 2025⁷¹.

5.2. Tisħiħ tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi industrijalizzati mhux tal-UE u ma' ekonomiji emerġenti

Sa Jannar 2025, ir-relazzjonijiet mal-Istati Uniti fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni evolwew b'mod pożittiv b'kooperazzjoni dejjem akbar f'varjetà ta' oqsma, bit-tiġdid b'suċċess tal-Ftehim dwar ix-Xjenza u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Istati Uniti, bl-iffirmar ta' Dikjarazzjoni Konġunta li tistabilixxi aġenda komprensiva ta' kooperazzjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni, u b'parteċipazzjoni qawwija ta' entitajiet tal-Istati Uniti f'Orizzont Ewropa. It-tibdil fil-pożizzjoni tal-amministrazzjoni l-ġdida tal-Istati Uniti fir-rigward tal-politika dwar ix-xjenza, li tnaqqas il-prijoritizzazzjoni tan-nefqa fuq ir-riċerka f'oqsma ta' prijorità ewlenija tal-UE bħall-klima, l-ambjent, l-enerġija nadifa, jew il-mard infettiv, u tħoll lill-pajjiż minn diversi inizjattivi multilaterali tar-R&I, qed tpoġġi d-djalogu u l-kooperazzjoni transatlantika dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni taħt pressjoni. Sabiex jiġu protetti l-interessi tal-UE, ġew żviluppati azzjonijiet fl-ambitu ta' Orizzont Ewropa biex jissaħħaħ l-appoġġ tal-UE għal pjattaformi ta' kooperazzjoni multilaterali, b'mod partikolari fl-oqsma tal-osservazzjoni tal-oċeani, tal-klima u tas-sovranià tad-data. Dwar is-settijiet ta' data, l-azzjonijiet jinkludu i) l-iżvilupp ta' oqfsa ta' sovranià tad-data, ii) l-implimentazzjoni ta' ġestjoni robusta tar-riskju għall-aċċess għal data kritika, u iii) l-użu b'għaġal tal-finanzjament nazzjonali biex jappoġġa l-aċċess għal servizzi diġitali b'kostijiet għoljin. Peress li l-Istati Uniti għadhom sieħeb naturali tal-UE fir-riċerka u l-innovazzjoni, l-UE qed tistinka biex iżżomm il-mezzi ta'

⁶⁷ <https://www.sun4ukraine.eu/>

⁶⁸ Il-Programm ta' Ħidma ta' Orizzont Ewropa għall-2023–2024: 37 suġġett b'baġit totali ta' EUR 320 miljun.

⁶⁹ <https://prima-med.org/>

⁷⁰ JOIN(2025) 26 final.

⁷¹ JOIN(2025) 135 final.

komunikazzjoni mal-interlokuturi federali fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni fl-Istati Uniti miftuħa, bil-għan li l-prijoritajiet kondiviżi jiġu vvalutati mill-ġdid u jerġa' jkun hemm kooperazzjoni vibranti.

Fir-rigward ta' Ċina, għad hemm nuqqas ta' progress fid-diskussjonijiet dwar il-pjan direzzjonali konġunt għall-futur tal-kooperazzjoni bejn l-UE u Ċina fix-xjenza, fit-teknoloġija u fl-innovazzjoni, b'mod speċifiku dwar il-kundizzjonijiet qafas relatati mal-innovazzjoni⁷², filwaqt li sar progress konsiderevoli dwar il-kundizzjonijiet qafas għall-kooperazzjoni fir-riċerka⁷³. Il-kooperazzjoni bejn l-UE u Ċina fir-riċerka u l-innovazzjoni ffokat fuq żewġ inizjattivi ewlenin tar-riċerka dwar l-ikel, l-agrikoltura u l-bijosoluzzjonijiet (FAB, food, agriculture and biosolutions) u dwar it-tibdil fil-klima u l-biodiversità (CCB, climate change and biodiversity), fejn il-kollaborazzjoni hija ta' benefiċċju reċiproku⁷⁴. Madankollu, minħabba dan ta' hawn fuq u t-tħassib sinifikanti dwar l-użu tal-proprjetà intellettuali ġenerata fl-ambitu ta' Orizzont Ewropa, l-entitajiet Ċiniżi ma għadhom jistgħu jipparteċipaw fl-ebda attività ta' innovazzjoni lil joffri l-programm⁷⁵. Il-Kummissjoni saħħet l-isforzi ta' koordinazzjoni mal-Istati Membri biex tallinja l-approċċi permezz tan-Network ta' Għarfien tal-UE dwar iċ-Ċina fil-qasam tar-Riċerka u l-Innovazzjoni (EU-KNOC, EU R&I Knowledge Network on China) u investiet aktar minn EUR 13-il miljun fl-espansjoni tal-għarfien dwar iċ-Ċina kontemporanja f'oqsma bħall-politika, is-soċjetà, l-ekonomija u l-kummerċ, ix-xjenza u t-teknoloġija, u l-klima.

Minħabba l-kapaċità qawwija ħafna tagħha fix-xjenza, fit-teknoloġija u fl-innovazzjoni, l-assoċjazzjoni tar-Repubblika tal-Korea ma' Orizzont Ewropa fl-2025 fetħet pletora ta' possibiltajiet għal kooperazzjoni usa' u aktar sistematika bejn l-UE u l-Korea fir-riċerka u l-innovazzjoni f'oqsma bħat-teknoloġiji diġitali, in-nanoteknoloġiji jew in-navigazzjoni bis-satellita, kif ukoll l-enerġija nadifa, il-klima, ir-riċerka dwar l-oċeani u dwar l-ambjent, u s-saħħa. Huwa mistenni l-istess fir-rigward tal-Ġappun wara l-konklużjoni b'suċċess tan-negozjati dwar il-parteeċipazzjoni tiegħu fi programmi tal-Unjoni u l-assoċjazzjoni ma' Orizzont Ewropa, flimkien mal-kooperazzjoni li għaddejja dwar il-materjali avvanzati. L-assoċjazzjoni ta' New Zealand ma' Orizzont Ewropa, min-naħa tagħha, wasslet biex kważi ttriplika l-għadd ta' għotjiet iffirmati mill-2022 sal-2024.

Fit-3 ta' Lulju 2024, ġie ffirmat il-ftehim li jassoċja lill-Kanada mal-Pilastru II ta' Orizzont Ewropa, li jagħti lir-riċerkaturi u lill-organizzazzjonijiet Kanadiżi l-opportunità li jipparteċipaw f'din il-parti tal-programm fuq termini ugwali mal-kontropartijiet tagħhom fl-UE. Dan diġà rriżulta f'aktar minn 100 parteċipazzjoni Kanadiża fi proġetti ta' Orizzont Ewropa. Din iċ-ċifra hija mistennija li tiżdied b'mod konsiderevoli, peress li ħafna proposti

⁷² Dawn jinkludu d-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, ir-riċerka prenormattiva, il-valutazzjoni tal-konformità u l-istandardizzazzjoni, l-aċċess għall-akkwist pubbliku, u oqfsa regolatorji ġusti u trasparenti.

⁷³ Dawn jinkludu x-xjenza miftuħa, l-etika u l-integrità tar-riċerka, il-mobilità tar-riċerkaturi, u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fir-R&I.

⁷⁴ Il-programm ta' ħidma Orizzont Ewropa għall-2023–2024 kien jinkludi seba' azzjonijiet b'baġit totali ta' EUR 86 miljun ikkofinanzjati mill-UE u miċ-Ċina.

⁷⁵ L-attivitajiet ta' innovazzjoni huma azzjonijiet b'livell għoli ta' żvilupp teknoloġiku u prossimità akbar għas-suq.

ta' proġetti b'parteċipazzjoni Kanadiża qed jiġu evalwati jew jinsabu fil-fażi ta' thejjiġa ta' ftehim ta' għotja.

Il-kooperazzjoni mal-Indja kisbet momentum minn wara t-tnedija tal-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija (TTC, Trade and Technology Council) bejn l-UE u l-Indja⁷⁶, li huwa ffokat fuq it-teknoloġiji diġitali, ekoloġiċi u tal-enerġija nadifa. Fit-tieni laqgħa ministerjali tat-TTC fi New Delhi fi Frar 2025 ntlaħaq qbil dwar aktar kooperazzjoni teknoloġika b'investiment finanzjarju konġunt fir-riċerka kollaborattiva dwar it-tniġġis tal-baħar, it-trasformazzjoni tal-iskart f'teknoloġiji tal-idroġenu rinnovabbli u tar-riċiklaġġ tal-batteriji għall-vetturi elettriċi. Se ssir ukoll enfasi akbar fuq l-iffaċilitar tal-kollaborazzjoni bejn l-istartups Indjani u dawk mill-UE. Il-Komunikazzjoni Konġunta dwar Aġenda Strateġika Ġdida bejn l-UE u l-Indja tidentifika t-teknoloġija u l-innovazzjoni bħala pilastru ċentrali tal-kooperazzjoni futura bejn l-UE u l-Indja⁷⁷. Il-Ftehim bilaterali bejn l-UE u l-Indja dwar il-Kooperazzjoni fix-Xjenza u t-Teknoloġija ġġedded ukoll sal-2030.

Ir-relazzjonijiet mal-Brażil huma partikolarment b'saħħithom fil-qasam tat-teknoloġiji tat-tranżizzjoni ekoloġika bħall-bijoraffineriji integrati u t-teknoloġiji tal-enerġija solari, kif ukoll fil-bijodiversità, fir-riċerka tal-baħar, fl-approċċi bbażati fuq l-ekosistema/fuq in-natura għal bliet sostenibbli, fis-sostenibbiltà u fis-saħħa. Il-Kummissjoni kkontribwiet għall-aġenda tal-Presidenza tal-G20 tal-Brażil, u b'hekk għenet biex tiġi żgurata l-adozzjoni tal-Istrateġija tal-G20 għall-Promozzjoni tal-Kooperazzjoni fl-Innovazzjoni Miftuħa, ir-Rakkomandazzjonijiet tal-G20 dwar id-Diversità, l-Ekwità, l-Inklużjoni u l-Aċċessibbiltà fix-Xjenza, it-Teknoloġija u l-Innovazzjoni, u l-10 Prinċipji Ewlenin tal-Inizjattiva Globali dwar il-Bijoeconomija.

Ir-relazzjoni msaħħa bejn l-UE u l-Afrika t'Isfel hija riflessa fl-eżitu tas-Summit tal-2025 u t-tnedija tal-ewwel Sħubija għal Kummerċ u Investimenti Nodfa kif ukoll il-parteċipazzjoni eċċellenti tal-Afrika t'Isfel f'Orizzont Ewropa, billi hija l-ewwel fost il-pajjiżi Afrikani kemm f'termini tal-volum ta' għotjiet kif ukoll tan-numru ta' proġetti. L-Afrika t'Isfel għandha rwol ewlieni fl-implimentazzjoni tal-Aġenda għall-Innovazzjoni bejn l-UA u l-UE permezz tal-kofinanzjament ta' diversi inizjattivi ta' kooperazzjoni fir-riċerka u l-innovazzjoni bħall-Isħubija Konġunta fit-Tul bejn l-UA u l-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni dwar l-Enerġija Sostenibbli (LEAP-SE, Long-Term Joint AU-EU Research and Innovation Partnership). L-UE ħadmet mill-qrib haġna mal-Presidenza tal-Afrika t'Isfel tal-G20 fl-2025, u appoġġat l-adozzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet tal-G20 għall-Involvement tax-Xjenza.

5.3. Approfondiment tas-sħubijiet tal-UE mal-Afrika, mal-Amerika Latina u l-Karibew, u mal-Asja tax-Xlokk

Il-Kummissjoni wettqet l-impenn tagħha li tagħti spinta lill-appoġġ għall-kooperazzjoni fir-R&I mal-Afrika, billi żviluppat u adottat l-Aġenda għall-Innovazzjoni bejn l-UA u l-UE flimkien mal-Kummissjoni tal-Unjoni Afrikana u l-Istati Membri fl-2023. L-Aġenda għall-Innovazzjoni bejn l-UA u l-UE tistabbilixxi qafas ġdid għall-adozzjoni tar-riżultati tar-riċerka ffokati fuq is-saħħa pubblika u t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali biex jiġu appoġġati l-

⁷⁶ https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/IP_23_596

⁷⁷ JOIN(2025) 50 final.

impjeggi u t- tkabbir billi jiġu kondiviżi t-teknoloġija u l-għarfien esperti⁷⁸. L-inizjattivi tal-Afrika f'Orizzont Ewropa taw spinta lill-kollaborazzjoni bejn ir-riċerkaturi miż-żewġ reġjuni b' medja annwali ta' 40 %⁷⁹. Is-Sħubija tar-R&I bejn l-UA u l-UE dwar is-Sigurtà tal-Ikel u n-Nutrizzjoni u l-Agrikoltura sostenibbli tiġbor flimkien aktar minn 70 finanzjatur tar-riċerka mill-Afrika u l-Ewropa. Taħt il-pakkett ta' investiment Global Gateway tal-Afrika-UE, il-“Programm ta' Sħubija Spazjali tal-Afrika-UE” huwa appoġġat minn investiment ta' EUR 100 miljun, li jiffoka fuq l-iżvilupp ta' servizzi bbażati fuq l-ispazju li jippromwovu b' mod partikolari l-użu ta' Copernicus biex jittejjbu s-sistemi ta' twissija bikrija għal temp perikoluż u l-għarfien dwar it-tibdil fil-klima, it-tiġid tal-kollaborazzjoni istituzzjonali bejn l-UE u l-Afrika, u l-appoġġ tal-kapaċitajiet tal-industrija spazjali. Iċ-“Ċentri Reġjonali ta' Eċċellenza (RCoEs, Regional Centres of Excellence) għall-Programm ta' Tranżizzjoni Ekoloġika” huwa programm ta' EUR 80 miljun bil-mira li jappoġġa l-ġenerazzjoni u l-ġestjoni tal-għarfien permezz tal-produzzjoni, l-aċċess u l-kondivizzjoni aħjar tad-data. Abbażi tal-fażi pilota tal-programm tal-Inizjattiva Afrikana għar-Riċerka dwar l-Eċċellenza Xjentifika (ARISE, African Research Initiative) implimentat mill-Akkademja Afrikana ta' Xjenza, tħabbar appoġġ simili ta' EUR 25 miljun għat-tieni fażi, li wassal għal wegħdiet addizzjonali mill-Istati Membri tal-UA. Biex jiċċelebraw il-15-il anniversarju tad-Djalogu ta' Politika ta' Livell Għoli bejn l-UA u l-UE dwar ix-Xjenza, it-Teknoloġija u l-Innovazzjoni, f'Ottubru 2025 ġiet organizzata serje ta' avvenimenti, inkluż workshop dwar l-IA fix-xjenza fil-kollaborazzjonijiet bejn l-Afrika u l-Ewropa, id-Djalogu bejn l-UA u l-UE dwar id-Diplomazija dwar ix-Xjenza, fiera tal-innovazzjoni organizzata fi sħubija mal-Unjoni għall-Mediterran, u l-Laqgħa tal-Uffiċjali Għolja tar-R&I bejn l-UA u l-UE.

Il-kooperazzjoni mal-Komunità ta' Stati tal-Amerka Latina u tal-Karibew (CELAC, Community of Latin American and Caribbean States) kisbet tiġdid tal-momentum bl-ewwel laqgħa ministerjali bejn l-UE u s-CELAC dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni li saret fi Brussell f' Settembru 2025. F'din il-laqgħa, il-ministri tal-UE u tas-CELAC approvaw dikjarazzjoni ministerjali u Aġenda Ġdida għall-Kooperazzjoni bejn l-UE u s-CELAC fir-riċerka u l-innovazzjoni, li tistabbilixxi tliet gruppi ta' ħidma fl-oqsma ta' i) is-saħħa, ii) it-tibdil fil-klima, is-sostenibbiltà ambjentali u t-tranżizzjoni tal-enerġija, u iii) l-IA fix-xjenza, li jikkomplementaw il-Grupp ta' Ħidma eżistenti dwar l-Infrastruttura tar-Riċerka. Kull grupp se jiżviluppa pjanijiet direzzjonali operattivi li jiddefinixxu l-prijoritajiet, l-attivitajiet u r-riżultati tanġibbli għall-kooperazzjoni bireġjonali fil-qasam ta' prijorità inkwistjoni. L-Inizjattiva ta' Kooperazzjoni għall-Innovazzjoni bejn l-UE u l-LAC tnediet f'Ottubru 2023 biex toħloq u toperazzjonalizza network ta' inkubaturi u ta' aċċelleraturi eżistenti ta' startups, u biex tingħata struttura lill-preżenza tal-innovazzjoni tal-Istati Membri tal-UE fir-reġjun tal-LAC. Fir-reġjun tal-Karibew tnediet azzjoni mill-Aġenda ta' Investiment tal-Global Gateway UE-LAC (GGIA, Global Gateway Investment Aġenda) dwar is-sargassum, li tagħti dimensjoni ta' riċerka u innovazzjoni lill-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE.

⁷⁸ https://research-and-innovation.ec.europa.eu/system/files/2023-07/ec_rtd_au-eu-innovation-agenda-final-version.pdf

⁷⁹ Programm ta' Ħidma ta' Orizzont Ewropa għall-2023-2024: 30 suġġett b'baġit totali ta' EUR 300 miljun.

Il-kompetittività u s-sigurtà tal-UE huma marbuta mill-qrib mal-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN, Association of Southeast Asian Nations), u dan jirrikjedi li l-UE ssaħħa il-kooperazzjoni tagħha fir-riċerka u l-innovazzjoni mar-reġjun. Il-kooperazzjoni tiffoka fuq it-teknoloġiji ekoloġiċi, it-trasformazzjoni diġitali, l-innovazzjonijiet fil-kura tas-saħħa, u l-kondiviżjoni tal-esperjenza tal-integrazzjoni reġjonali (l-infrastrutturi tar-riċerka, il-mobilità tat-talent, it-trasferiment tat-teknoloġija). Id-djalogu bejn l-ASEAN u l-UE dwar ix-Xjenza, it-Teknoloġija u l-Innovazzjoni identifika aktar oqsma ta' kollaborazzjoni: l-innovazzjoni/l-istartups, id-diplomazija dwar ix-xjenza u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri fir-R&I.

6. KONKLUŻJONIJIET

Mill-adozzjoni fl-2021 tal-Approċċ Globali għar-R&I, kien hemm żviluppi esterni kbar mhux previsti, bħall-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, il-kunflitt li qed jeskala fil-Lvant Nofsani, il-bidliet fundamentali fil-politiki tal-Istati Uniti rigward ix-xjenza, it-tibdil fil-klima, l-ambjent jew is-saħħa, u l-bidliet siżmiċi fl-applikazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi bħall-IA. Dawn l-iżviluppi jaffettwaw b'mod profund ix-xenarju globali tar-riċerka u l-innovazzjoni u jeħtieġu li l-UE ssir ħafna aktar assertiva fid-difiża tal-interessi politiċi u ekonomiċi tagħha u fil-promozzjoni tal-valuri tagħha globalment. Li tkun sinjal għal-libertà akkademika u l-libertà tar-riċerka xjentifika u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri huwa ċentrali għall-ambizzjoni tal-UE li tattira l-aħjar talent xjentifiku, appoġġata mill-inizjattiva Agħżel l-Ewropa għax-Xjenza.

L-UE wiegħbet għal dawn l-isfidi, pereżempju billi adottat ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tar-riċerka, żviluppat qafas Ewropew għad-diplomazija dwar ix-xjenza, stabbiliet id-Djalogu Multilaterali dwar il-Prinċipji u l-Valuri fil-Kooperazzjoni Internazzjonali fir-R&I, u assoċjat sħab globali ewlenin mal-programm Orizzont Ewropa, filwaqt li fl-istess ħin ħolqot kundizzjonijiet ekwi u r-reċiproċità, b'mod partikolari maċ-Ċina. Filwaqt li baqgħu impenjati għall-Patt Ekoloġiku Ewropew, il-prijoritajiet tal-UE mxew lejn it-tranżizzjoni nadifa u t-tisħiħ tal-kompetittività tal-UE, b'enfasi wkoll fuq id-difiża u l-użu doppju.

It-tqegħid tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-qalba tal-kompetittività tal-UE jfisser ukoll li din titqiegħed fil-qalba tal-azzjoni esterna tal-UE. L-UE jeħtieġ li turi tmexxija eżemplari fl-użu tar-R&I għall-kisba tal-paċi u tal-multilateraliżmu u biex jintlaħqu l-għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU għall-2030, inkluż billi tiġġieled kontra t-tibdil fil-klima u t-telf tal-biodiversità. F'dan il-kuntest il-ġdid, il-prinċipji tat-trasparenza u s-sigurtà stabbiliti fl-Approċċ Globali għar-R&I jibqgħu validi. F'xi oqsma hemm il-ħtieġa ta' aktar żviluppi u aġġustamenti. Dawn jinkludu oqsma relatati mal-ħolqien ta' kundizzjonijiet ekwi u r-reċiproċità fil-kooperazzjoni internazzjonali fir-riċerka u l-innovazzjoni, filwaqt li jitqiesu l-prijoritajiet tematiċi bħall-kompetittività u enfasi aktar b'saħħitha fuq l-istartups u scaleups kif ukoll it-tibdil fil-prijoritajiet ġeografiċi. Dan huwa kruċjali biex jiġi żgurat li l-UE tiddefendi l-interessi tagħha u tibqa' fuq quddiem nett fir-riċerka u l-innovazzjoni, filwaqt li tkun sieħba affidabbli li l-bqija tad-dinja tista' tiddependi fuqha.